MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 922/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
v

**CONSIGLIO BONNICI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CONSIGLIO BONNICI** ta’ erbgha w sittin sena bin Giuseppe u Filomena nee Attard, imwieled Zejtun nhar s-sittax ta' April 1928 u residenti 'Stella Maris' 16, Triq il-Hobbejza, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 277928M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnax ta' Awissu 1999 u fiz-zminijiet ta' qabel din d-data b’diversi azzjonijiet maghmula minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni wahda, bhala detentur jew konsumatur tal-fond 'Stella Maris' 16, Triq il-Hobbejza,

Zejtun, jew bhala l-pesuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew markar tal-meters tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku f'ammont ta' mija hamsa w tmenin lira u hamsa w disghin centemzmu ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel hsara fil-gumni jew makkinarju tal-elettriku jew ikkaguna hsara jew telf ta' dawl, ghamel hsara jew kisser xi parti tal-meter uzat ghal provvista tad-dawl jew sigilli tieghu liema hsara tammonta ghal hames liri maltin.

Il-Qorti hija wkoll mitluba tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal hlas tal-ispejjes peritali f'kaz ta' htija.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano a fol 11 et seq tal-atti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004 esibit a fol 7 tal-atti markat bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 8 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lil imputat talli huwa kkommetta reat konsistenti f'serq ta' kurrent elettriku gewwa l-fond numru 16, 'Stella Maris', Triq il-Hobbejza,

Zejtun tul l-perjodu tat-tnax ta' Awissu 1999 u z-zminijiet ta' qabel.

Illi jirrizulta mill-atti w appuntu mir-relazzjoni tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, Philip Zammit li fil-fehma tieghu nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2000, il-meter in kwistjoni tal-marka Ganz bin-numru serjali 909726 kien registrat f'isem l-imputat odjern u n-nuqqasijiet li kien hemm fil-meter dakinhar tal-ispezzjoni u cioe nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2000, kellu jirrispondi ghalihom l-imputat *qua registered owner*.

Illi d-Difiza ma hiex qed tikkontesta li kien hemm xi rregolaritajiet fil-meter in kwistjoni u li kien qed isir serq ta' kurrent elettriku fuq xi medda ta' zmien, pero qed issostni li fil-perjodu citat mill-Prosekuzzjoni l-imputat la kien sid l-fond fejn hemm installat l-meter u lanqas ma kien l-amministratur jew inkwilin tal-fond.

Id-Difiza ssostni li l-fond gie f'idejn l-imputat nhar t-tnax ta' Awissu 1999 meta xtrah minghand Maria Concettta sive Connie Camilleri skond kuntratt redatt quddiem in-Nutar Carmel Mangion [dokument CSH esibit a fol 64 tal-atti].

Illi jirrizulta wkoll mix-**xhieda tar-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta, certa Josianne Farrugia** [fol 53] nhar s-sebgha ta' Marzu 2005, li l-meter gie registrat f'isem l-imputat nhar t-tnax ta' Awissu 1999.

Il-Qorti **semghet lil imputat jixhed** minn jeddu b'mod voluntarju [fol 62] nhar s-sebgha ta' Marzu 2005 fejn qal li qabel t-tnax ta' Awissu 1999 huwa ma kellux x'jaqsam mal-fond in kwistjoni. In oltre, qal li dahal fil-fond biss wara li akkwistah permezz ta' kuntratt redatt quddiem in-Nutar Carmel Mangion [dokument CSH esibit a fol 64 tal-atti].

**Ghaldaqstant il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol f'aktar dettal f'din is-sentenza u ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 264(2) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat**

**CONSIGLIO BONNICI hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu, u tilliberah minn kull akkuza.**

**Illi peress li l-Qorti lliberat lil imputat mill-akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------